MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2012

Numru 855/2012

***Il-Pulizija***
***(Spettur Mario Haber)***
***vs***
***Alberto Chalmeta Verdejo***

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra ***Alberto Chalmeta Verdejo*** ta’ 30 sena, iben Alberto u Concha, mwieled Valencia Spanja nhar id-29 ta’ Mejju, 1982 u minghajr residenza, u detentur ta’ Passaport Spanjol numru AAE930580 u nakkuzah;

1. Talli fit-22 t’ Awwissu 2012 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ vettura Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni VSM015 ghad-detriment ta’ Innocent Zammit (405144(M)), liema

hsara tiskorri mija u sittax-il Ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47), imma inqas minn elf, mija u erbgha w' sittin ewro u disgha w sittin centezmu (€1,164.69);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbejt ghall-Charlie Lofreda (683559(M)) u Godwin Mercieca (307385(M) sabiex tingurjhom, iddejjaqhom jew taghmillhom xi hsara;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ksirt il-bon ordni jew kwiet pubbliku b' ghajjat u glied;

Rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputat;

Semghet l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat;

Semghet lill-partijiet jitrattaw dwar il-piena;

Rat l-Artikoli 325 (1)(b), 338 (dd) u 339 (1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ghadda s-somma ta' sebgha mija u hamsin ewro (€750) lil Innocent Zammit sabiex jaghmel tajjeb ghal hsarat minnu sofferti;

Semghet lil Innocent Zammit jiddikjara li m'ghandux aktar interess fil-proceduri odjerni;

In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ghalhekk issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' Multa Komplessiva ta' mitt ewro (€100), filwaqt li tastjenti milli tkompli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel (1) akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------